## *Messaġġ ta' Papa Franġisku*
## *Għall-Ġurnata Dinjija tal-Immigrant u r-Refuġjat 2018*

### [14 ta' Jannar 2018]

*"Nilqgħu, nipproteġu, nippromwovu u nintegraw lill-immigranti u lir-refuġjati"*

*Għeżież ħuti!*

«*Ikun għalikom il-barrani bħal wieħed ta' ġewwa; ħobbu bħalek innifsek, għax barranin kontu fl-art ta' l-Eġittu: Jiena l-Mulej Alla tagħkom*» (*Lev* 19,34).

Matul dawn l-ewwel snin tal-pontifikat tiegħi, bosta drabi tennejt it-tħassib tiegħi dwar is-sitwazzjoni iebsa ta' ħafna immigranti u refuġjati, li jaħarbu minn pajjiżhom minħabba gwerer, persekuzzjonijet, diżastri naturali u faqar. Bla dubju din is-sitwazzjoni hija waħda mis-"sinjali taż-żmenijiet" li fittixt li nixtarr u nitlob lill-Ispirtu s-Santu dwarha sa mill-ewwel żjara tiegħi f'Lampedusa fit-8 ta' Lulju 2013. Meta waqqaft id-Dikasteru għall-Promozzjoni Integrali tal-Iżvilupp tal-Bniedem, dikasteru ġdid li għalissa hu taħt id-direzzjoni personali tiegħi, ridt li dan ikun qasam partikulari li jesprimi t-tħassib tal-Knisja dwar l-immigranti, dwar nies li m'għandhomx kenn, ir-refuġjati u l-vittmi tat-traffikar uman.

Kull barrani li jħabbat biebna hu okkazjoni li tlaqqagħna ma' Ġesu' Kristu, li jurina lilu nnifsu f'dak il-barrani li niftħulu l-bieb jew inwarrbuh f'kull żmien (ara Mt 25, 35.43). Il-Mulej jafda fl-imħabba tal-Knisja Omm lil kull bniedem imġiegħel jitlaq pajjiżu biex ifittex ġejjieni aħjar.(1) Din is-solidarjetà trid turi ruħha b'mod konkret f'kull pass tal-esperjenza tal-immigrant: mit-tluq tal-vjaġġ tiegħu sa kemm jasal u jerġa' lura. Din hi responsabbiltà kbira li l-Knisja tħoss li għandha ġġorrha flimkien ma' dawk kollha li jemmnu u ma' rġiel u nisa ta' rieda tajba, li kull wieħed skont kif jista' hu msejjaħ iwieġeb fil-pront b'ġenerożità, b'għerf u ħsieb għal tant sfidi li l-migrazzjoni qed iġġib magħha llum.

Dwar dan nixtieq nerġa' nisħaq li "t-tweġiba komuni tagħna tista' tinġabar f'erba' verbi: *nilqgħu, nipproteġu, nippromwovu u nintegraw,* li huma bbażati fuq il-prinċipji tad-duttrina tal-Knisja*".(2)*

Meta tqis is-sitwazzjoni tal-lum, *nilqgħu* tfisser l-ewwelnett li l-immigranti u r-refuġjati jkunu jistgħu jidħlu fil-pajjiżi ta' destinazzjoni b'mod legali u aktar fiż-żgur. Dan jitlob impenn konkret biex il-proċess ta' viża għall-raġunijiet umanitarji u biex il-familji jingħaqdu mill-ġdid flimkien jitħaffef u jkun simplifikat. Fl-istess ħin nittama li jkun hemm aktar pajjiżi li jwaqqfu programmi ta' *sponsorship* privat jew

komunitarju u jiftħu l-bibien tagħhom għar-refuġjati l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, viża temporanja speċjali għandha tingħata lil dawk li jaħarbu mill-ġlied f'pajjiżi fil-qrib. Li titfa' 'l barra immigranti u refuġjati b'mod kollettiv u arbitrarju mhijiex soluzzjoni xierqa, l-aktar meta dawn jintbagħtu lura f'pajjiżi fejn m'hemmx garanzija li ser isibu rispett lejn id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali.(3) Għal darb'oħra nixtieq nisħaq kemm hu importanti li l-immigranti u r-refuġjati jkunu offruti akkomodazzjoni xierqa u dinjituża sa mill-bidunett. "Jidher li l-programmi ta' merħba li qed jintużaw f'ċerti lokalitajiet qed jiffaċilitaw il-laqgħa personali, jagħtu kwalità ta' servizz aħjar u joffru garanzija akbar ta' suċċess". (4) Il-prinċipju taċ-ċentralità tal-persuna umana, li l-predeċessur tiegħi Benedittu XVI tant saħaq fuqu, (5) jobbligana nagħrfu li s-sigurtà tal-persuna dejjem tiġi qabel is-sigurtà nazzjonali. Għalhekk, hemm bżonn li dawk li jagħtu servizz ta' kontroll fuq il-fruntieri ikunu mħarrġa sew. Is-sitwazzjoni tal-immigranti, ta' dawk li jfittxu l-ażil u tar-refuġjati titlob li jkollhom sigurtà personali u aċċess għas-servizzi bażiċi. F'isem id-dinjità fundamentali ta' kull persuna umana hemm bżonn nagħmlu kull sforz biex minflok ċentri ta' detenzjoni jinsabu soluzzjonijiet alternattivi għal dawk li jidħlu f'territorju nazzjonali bla ma jkunu awtorizzati.(6)

It-tieni verb, *nipproteġu,* iġib miegħu sensiela ta' azzjonijiet li jiddefendu d-drittijiet u d-dinjità tal-immigranti u tar-refuġjati, indipendentement mill-istatus legali tagħhom.(7) Din il-protezzjoni għandha tibda minn pajjiżhom stess u tikkonsisti filli jkunu mogħtija informazzjoni ċara u ta' min joqgħod fuqha qabel ma jitilqu minn pajjiżhom, u filli jkunu mħarsa minn prattiċi illegali ta' reklutaġġ. (8). Il-pajjiż li l-immigranti jaslu fih irid ikompli jagħmel ħiltu biex jagħti din il-protezzjoni, filwaqt li jiggarantixxi għajnuna konsulari adatta, id-dritt li l-immigrant iżomm hu personalment id-dokumenti tal-identità, li jkollu aċċess għall-ġustizzja xierqa, li jkun jista' jiftaħ kont bankarju personali u li jkollu l-minimu meħtieġ biex igħix. Meta wieħed jagħraf il-kapaċitajiet u l-kompetenzi tal-immigranti, ta' dawk li jitolbu l-ażil u tar-refuġjati, u jagħtihom il-valur li jixirqilhom, isib li dawn huma riżorsa għall-komunitajiet li jilqgħuhom.(9) Għalhekk nittama li meta jaslu fil-pajjiżi li jilqgħuhom huma jingħataw il-*freedom of movement*, l-opportunità li jaħdmu u l-aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni, u dan b'rispett lejn id-dinjità tagħhom. Nisħaq dwar il-ħtieġa ta' programmi ta' ri-integrazzjoni soċjali u professjonali għal dawk li jiddeċidu li jmorru lura lejn pajjiżhom. Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal tipprovdi bażi legali universali għall-ħarsien ta' immigranti minuri. Għal dawn m'għandu jkun hemm ebda forma ta' detenzjoni relatata mal-istatus tagħhom ta' immigranti, u wieħed għandu jiggarantilhom aċċess regolari għal edukazzjoni primarja u sekondarja, u d-dritt li

jkomplu bl-istudji tagħhom meta jikbru. Kustodja temporanja jew programmi ta' *fostering* għandhom ikunu pprovduti għall-minuri li ma jkunux akkumpanjati u għal dawk mifruda mill-familji tagħhom.(10) Id-dritt universali għal nazzjonalità għandu jkun rikonoxxut u t-tfal kollha li jitwieldu għandu jinħarġilhom ċertifikat kif suppost. L-istat bla stat, li fih xi drabi isibu ruħhom l-immigranti u r-refuġjati, jista' faċilment ikun evitat billi tkun adottata "leġiżlazzjoni dwar iċ-ċittadinanza konformi mal-prinċipji fundamentali tal-liġi internazzjonali".(11) L-istatus ta' immigrant m'għandux jillimita l-aċċess għall-għajnuna sanitarja nazzjonali u għas-sistemi ta' pensjonijiet, u lanqas m'għandu jaffettwa t-trasferiment ta' kontributi f'każ ta' ripatrijazzjoni.

*Nippromwovu* essenzjalment tfisser sforz determinat biex l-immigranti u r-refuġjati kollha – u anki l-komunitajiet li jilqgħuhom – jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jirrealizzaw lilhom infushom bħala persuni fl-aspetti kollha li jsawru l-bniedem skont il-ħsieb tal-Ħallieq.(12) Fost dawn l-aspetti jeħtieġ nirrikonoxxu l-valur tad-dimensjoni reliġjuża, u niggarantixxu li l-barranin kollha f'kull territorju jkunu ħielsa li jistqarru u jgħixu r-reliġjon tagħhom. Ħafna immigranti u refuġjati għandhom kompetenzi li jridu jkunu tabilħaqq rikonoxxuti u valorizzati. La darba "l-ħidma tal-bniedem min-natura tagħha stess hi ddestinata biex tgħaqqad il-ġnus"(13), inħeġġeġ li jsir sforz determinat biex nippromwovu l-inklużjoni soċjali u professjonali tal-immigranti u r-refuġjati, filwaqt li kollha – inklużi dawk li qed ifittxu l-ażil – għandhom ikunu żgurati mill-possibilitàta' xogħol, ta' korsijiet fil-lingwa, ta' ċittadinanza attiva u ta' informazzjoni mogħtija bil-lingwa tagħhom. Fil-każ ta' immigranti taħt l-età, l-impenn fid-dinja tax-xogħol jeħtieġ li jkun regolat biex ma jkunx hemm esplojtazzjoni u riskju ta' theddid għall-iżvilupp normali tagħhom. Fl-2006, Benedittu XVI saħaq kif, fil-kuntest migratorju, il-familja għandha tkun "post u riżorsa tal-kultura tal-ħajja u fattur għall-integrazzjoni ta' valuri" (14). Jeħtieġ nippromwovu l-integrità tal-familja filwaqt li nissapportjaw ir-riunifikazzjoni tagħha - nanniet, aħwa, ulied – indipendentement mir-rekwiżiti finanzjarji. Jeħtieġ tingħata attenzjoni u għajnuna akbar lill-immigranti, lil dawk li jitolbu l-ażil u lir-refuġjati li għandhom xi diżabbiltà. Naf li ħafna pajjiżi qed jagħmlu sforzi tassew ta' min ifaħħarhom fejn jidħlu l-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna umanitarja; nittama li fit-tqassim ta' din l-għajnuna jkunu meqjusa l-ħtiġijiet (bħal dawk mediċi, soċjali u edukattivi) ta' pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw u qed jilqgħu għadd sinifikanti ta' refuġjati u immigranti. Nittama li anki komunitajiet lokali vulnerabbli u nieqsa minn ħtiġijiet materjali jibbenifikaw minn din l-għajnuna.(15)

L-aħħar verb, *nintegraw*, jikkonċerna dawk l-opportunitajiet ta' għana interkulturali li jinbtu mill-preżenza ta' immigranti u refuġjati. Integrazzjoni mhijiex "assimilazzjoni, li tjassar lill-immigranti jew twassalhom biex jinsew l-identità kulturali tagħhom. Il-kuntatt mal-oħrajn pjuttost għandu jwasslek biex tiskopri "s-sigriet" li hemm fihom, tinfetaħ għalihom u tilqa' l-aspetti validi tagħhom, u hekk tagħti sehemek biex issiru tafu lil xulxin aħjar. Dan hu proċess li jieħu ż-żmien u jimmira lejn soċjetajiet u kulturi li jirriflettu dejjem aktar il-ħafna doni li Alla ta lill-bnedmin". (16). Dan il-proċess jista' jkun aċċellerat jekk tingħata ċittadinanza ħielsa minn rekwiżiti ekonomiċi u lingwistiċi, u jekk tkun offruta l-possibbiltà ta' leġiżlazzjoni straordinraja lil dawk l-immigranti li jkunu ilhom żmien twil igħixu fil-pajjiż. Nerġa' ninsisti fuq il-ħtieġa li nrawmu b'kull mod li nistgħu l-kultura tal-*encounter:* billi nkattru l-opportunitajiet ta' skambju interkulturali, niddokumentaw u nxerrdu azzjonijiet ta' integrazzjoni u niżviluppaw programmi maħsuba biex iħejju l-komunitajiet lokali għall-proċessi integrattivi. Inħoss li għandi nisħaq fuq il-każ speċjali ta' barranin kostretti li jabbandunaw il-pajjiż ta' immigrazzjoni minħabba kriżijiet umanitarji. Dawn il-persuni jeħtieġ li tingħatalhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu għar-ripatrijazzjoni u programmi ta' ri-integrazzjoni effettiva f'pajjiżhom.

Bi qbil mat-tradizzjoni pastorali tagħha, il-Knisja hi lesta li timpenja ruħha biex twettaq l-inizjattivi kollha li ġew imsemmija hawn fuq. Iżda ma tistax tasal għar-riżultati li taspira għalihom mingħajr is-sehem indispensabbli tal-komunità politika u tas-soċjetà ċivili, kull wieħed skont ir-responsabbiltajiet tiegħu.

Waqt is-Summit tal-Ġnus Magħquda, li sar f'New York fid-19 ta' Settembru 2016, il-mexxejja dinjija esprimew b'mod ċar ix-xewqa ta' azzjoni deċiżiva biex isalvaw il-ħajja tal-immigranti u tar-refuġjati u jħarsulhom drittijiethom, u li jaqsmu din ir-responsabbiltà fuq livell globali. Għalhekk l-Istati ħadu l-impenn li qabel l-aħħar tas-sena 2018 ifasslu u japprovaw żewġ Global Compacts, wieħed għar-refuġjati u l-ieħor għall-immigranti.

Għeżież ħuti, fid-dawl ta' dawn il-proċessi, ix-xhur li ġejjien qed joffru opportunità privileġġata biex nippreżentaw u nsostnu l-azzjonijiet konkreti li tkellimt fuqhom b'dawn l-erba' verbi. Għalhekk nistedinkom tieħdu kull okkażjoni biex taqsmu dan il-messaġġ ma' dawk kollha li jaħdmu fil-politika u fis-soċjetà, li huma involuti – jew interessati li jipparteċipaw – fil-proċess li ser iwassal għall-approvazzjoni taż-żewġ Global Compacts.

Illum,15 ta' Awwissu, niċċelebraw is-solennità tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. Omm Alla stess għexet il-ħajja iebsa tal-eżilju (ara Mt 2, 13-15), akkumpanjat b'imħabba

lil Binha fil-mixja tiegħu sa fuq il-Kalvarju, u issa qed taqsam miegħu l-glorja ta' dejjem. Ejjew nafdaw fl-interċessjoni tagħha ta' Omm it-tamiet tal-immigranti u tar-rifuġjati kollha fid-dinja u x-xewqat tal-komunitajiet li jilqgħuhom sabiex filwaqt li nwieġbu għall-akbar kmandament tal-Mulej, ilkoll nitgħallmu nħobbu lill-ieħor, inħobbu lill-barrani bħalma nħobbu lilna nfusna.

*Mill-Vatikan, 15 ta' Awwissu 2017*

Solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija

**FRANCESCO**

1. Ara Piju XII, Kostituzzjoni Appostolika *Exsul Familia, Titulus Primus I*.

2. Indirizz lill-Parteċipanti fil-Forum Internazzjonali "Migrazzjoni u Paċi", 21/2/2017

3. Ara Stqarrija tal-Osservatur Permanenti tas-Santa Sede lill- 103 Sezzjoni tal-Kunsill tal-IOM 26/11/2013

4. Indirizz lill-Parteċipanti fil-Forum Internazzjonali "Migrazzjoni u Paċi", 21/2/2017

5. Ara Benedittu XVI, *Caritas in Veritate, n.47* .

6. Ara stqarrija tal-Osservatur Permanenti tas-Santa Sede lill-20 Sezzjoni tal-UN Human Rights Council 22/6/2012

7. Ara Benedittu XVI, *Caritas in Veritate, n.62*

8. Ara Erga Migrantes Caritas Christi, n.6

9. Ara Benedittu XVI, Indirizz lill-Parteċipanti fis-6 Kungress Dinji dwar il-Ħarsien Pastorali tal-Immigranti u Nies Itineranti, 9/11/2009

10. Ara Benedittu XVI, Messaġġ għall-Ġurnata Dinjija tal-Immigranti u Refuġjati (2010) u stqarrija tal-Osservatur Permanenti tas-Santa Sede fis-26 Sezzjoni Ordinarja tal-Human Rights Council on the Human Rights of Migrants 13/06/2014

11. Kunsill Pontifiċju għal Ħarsien Pastorali tal-Immigranti u Nies Itineranti u Kunsill Pontifiċju Cor Umum, Welcoming Christ in Refugees and Forcibly Displaced Persons, 2013, 70.

12. Ara Pawlu VI, Populorum Progressio, n.14.

13. Ġwanni Pawlu II, Centesimus Annus, n.27.

14. Benedittu XVI, Messaġġ għall-ġurnata dinjija tal-Immigranti u Refuġjati (2007).

15. Ara Kunsill Pontifiċju għall-Ħarsien Pastorali tal-Immigranti u Nies Itineranti u Kunsill Pontifiċju Cor Umum, Welcoming Christ in Refugees and Forcibly Displaced Persons, 2013, 30-31.

16. Ġwanni Pawlu II, Messaġġ għall-Ġurnata Dinjija tal-Immigranti u Refuġjati (2005).